MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2007

Numru. 840/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**Vs**

**Pawlu Sant ta' 42 sena, bin Anglu u Dolores nee' Muscat,**
**imwieled Pieta' nhar l-10 ta' Lulju 1960 u residenti Gloria House,**
**Triq it-Tabib Chetcuti, Mosta, u detentur tal-karta ta' l-identita**
**bin-numru 446160(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Pawlu Sant li permezz taghha huwa gie akkuzzat talli fil-31 ta' Lulju 2002 ghal habta ta' bejn is-1:00p.m. u s-2:00p.m. waqt li kien fi Triq il-Qalb ta' Marija, Wardija:

1. Kkaguna hsara volontarja fuq gizirana tad-deheb u “choker” tad-deheb li huma proprjeta ta’ Frances Camilleri u Noel Camilleri, liema hsara teccedi il-hamsin lira, izda inqas minn hames mitt lira u
2. Barra min dan fl-istess data, hin u lok kkaguna feriti ta’ natura hafifa salv komplikazzjonijiet fuq il-persuna ta’ Frances Camilleri u zewgha Carmelo Camilleri, skond kif iccertifikaw Dr. Miriam Vella M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta u Dr. Kristian Vella ta’ l-isptar San Luqa (Dental Surgeon)
3. Barra min dana fl-istess data, hin u lok kiser il-paci pubblika bl-ghajjat u glied.

Il-Qorti hija mitluba li jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-buon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b’obbligazzzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ somma flus li tigi iffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti f’dina il-kawza jirrizulta ili dana kien incident li inqala’ b’konsegwenza ta’ disgwid familjari u cioe’ bejn l-imputat u ohtu Frances Camilleri. Jidher illi dana ma kienx xi incident isolat u li kienet tezisti certu animosita bejn l-ahwa. Illi l-uniku xhieda li xehdu f’dawn il-proceduri kienu il-vittmi u cioe’ Frances Camilleri u zewgha Carmelo flimkien ma’ binhom Noel li ukoll kien involut f’dina il-glieda.

L-incident kollu inqala meta Frances Camilleri giet sabiex idahhal il-vettura taghha fil-garaxx biswit id-dar taghha u ma setghetx taghmel dana minhabba li kien hemm xi vetturi ohra ta’ l-imputat li kienu qeghdin jimblokkaw dana l-access. Ghalkemm baghtet messagg lill-imputat sabiex

iressaq il-vettura tieghu biex hija tkun tista tidhol, huwa xorta wahda baqa ma ghamilx dan u ghalhekk hija dahhlet gewwa sabiex iccempel il-pulizija u harrget b'camera ta' ritratti f'idejha sabiex tiehu xi ritratti ta' dina s-sitwazzjoni. Hekk kif l-imputat ra lil Camilleri gejja lejh b'dina il-camera, huwa hebb ghaliha. Meta ir-ragel ta' Camilleri sema' l-ghajjat huwa hareg barra u hekk kif ra lill-imputat qieghed isawwat lil martu, mar sabiex jiddefendieha. Hekk ghamel ukoll iben il-konjugi Camilleri li kien jinsab fil-vicinanzi u dana, meta sema l-ghajjat mar sabiex jara dak li kien gara. B'konsegwenza ta' dana l-incident is-sinjuri Camilleri sofrew xi griehi li gew ikklasifikati bhala ta' natura hafifa u ukoll jallegaw illi tilfu xi oggetti tad-deheb li dak in-nhar kienu lebsin, kemm Frances kif ukoll Noel Camilleri, li baqghu ma instabux ghajr ghal xi lucky charms li gew ritornati lil Camilleri matul it-trattazzjoni tal-kawza. Hadd mix-xhieda madanakollu ma kien f'posizzjoni ighid kif dawna l-oggetti tad-deheb gew nieqsa jew inkella kif tqattghu fit-taqtiegha.

Illi l-imputat jallega illi huwa bl-ebda mod ma aggredixxa lill-akkuzati, izda ghamel dana sabiex jiddefendi lilu innifsu. Dana jirrizulta biss mill-okkorenza li tinsab a fol. 19 sa 21 tal-process redatta minn PC1133 Joseph Borg u dana peress illi fl-istqarrija rilaxxjat lill-pulizija mill-imputat (esebita a fol. 24 tal-process), l-imputat ghazel li ma jwegibx ghal mistoqsijiet magmula lilu dwar l-incident kif ukoll l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti tista' tistrieh biss fuq ix-xhieda tal-parti offiza u fuq dina l-istqarrija ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Fl-ewwel lok kien l-imputat li sfida lill ohtu meta biex jimpika maghha imblokkalha l-access ghal garaxx taghha u meta mitlub inehhi l-vettura huwa baqa ma ghamilx dan.

Fit-tieni lok il-feriti sofferti mill-vittmi ma kienux kompatibbli ma' l-stampa li qed jipprova ipingi l-imputat tal-legittima difeza. Frances Camilleri sofriet daqqiet fl-istonku li ikkagunalha xi trawma fil-kliewi fost ohrajn u Carmel

Camilleri kellu soft tissue injury fil-polz ta’ idejh li kienet difettuza.

Fit-tielet lok, hekk kif wasal iben il-konjugi Camilleri fuq il-post biex jifred l-imputat, telaq minnufih.

Illi, dina l-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-atti kollha ta’ dan il-process kif ukoll ix-xhieda tal-parti leza u senjatament ic-certifikati medici u x-xhieda tat-tobba in konnessjoni mal-griehi sofferti mill-vittmi f’dan l-incident, hi tal-fehma illi ma jirrizultawx l-estremi kollha ghall-applikazzjoni ta’ l-iskriminanti tal-legittima difeza u dana a tenur ta’ l-artikolu 223 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat,

Illi kif gie ritenut f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fis-sentenza Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro deciza fis-26 ta’ Awissu 1998:

“Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista’ jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar bzonn attwali ta’ difiza legittima ta’ dak li jkun jew ta’ haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li, biex wiehed jista’ jinvoka dina l-iskriminanti l-agressjoni subita, trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta’l-inevitabilita’ jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gej meta dan ikun jista’ b’mod ragjonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b’mod li jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku.”

Ukoll f’sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta’ Jannar 1995 inghad:
“Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b’success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe’ t-theddid ta’ xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b’xi mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut

u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista’ jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima.”

Illi mill-provi prodotti, li huma fil-maggior parti limitati ghax-xhieda tal-parti leza, jirrizulta illi l-akkuzat meta ra lil Frances Camilleri tersaq lejh bil-camera, minflok warrab u telaq ‘l hemm mar lejha u minflok, hebb ghaliha, ghax skond il-verzjoni moghtija minnu lill-kuntistabbli Borg, haseb li Camilleri kienet gejja ghalih b’xi oggett f’idejha. Mill-provi migjuba u mid-dokumenti esebiti jidher illi kienet tezisti certa animosita bejn l-akkuzat u ohtu u ghalhekk l-akkuzat messu evita li jaffronta lil ohtu milli minflok mar jaggrediha. Ma jidhirx, anke li kieku ghal grazzja ta’ l-argument wiehed kellu jemmen il-verzjoni ta’ l-imputat, illi huwa haseb illi othu kient gejja ghalih b’xi oggett, illi huwa kellu dik il-biza fih illi haseb li kellu jiddefendi ruhu u dana peress illi huwa dejjem seta’ jahrab minn fuq il-post minflok jaffronta lill-istess ohtu. Ma jirrizultax ghalhekk illi l-imputat sab ruhu f’dana il-bzonn attwali u dana peress illi l-imputat kien rinfaccjat b’persuna femminili li kienet riesaq lejh b’oggett f’idejha f’post miftuh fejn huwa, minflok jirreagixxi billi jaggrediha, seta facilment jitlaq minn fuq il-post. Ma jidhirx illi l-imputat f’xi hin qabel l-aggressjoni kien “cornered” u li ma setax jahrab. Huwa jikkontendi illi gie aggredit minn tlieta minn nies u cioe’ minn Frances Camilleri, minn zewgha u minn binhom Noel, izda dawna waslu fuq il-post wara li kienet bdiet l-aggressjoni u ghalhekk l-imputat ma jistax ighid illi huwa irreagixxa, ghaliex gie aggredit minn tlieta minn nies.

Illi minn din l-esposizzjoni tal-fatti lanqas ma tara dina l-Qorti illi jirrizulta l-elementi ta’ l-eccess tal-legittima difesa kif esposti fl-artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta, stante illi ma jirrizultawx illi kien hemm cirkostanzi ta’ biza` jew twerir li jgibu l-impunita`. Kif diga inghad l-imputat f’dina s-sitwazzjoni kien rinfaccjat biss bil-perusna ta’ ohtu riesqa lejh b’oggett f’idejha, sitwazzjoni li certament ma setatx tohloq fih xi biza’ jew twerir li wasslitu sabiex jiddefendi ruhu billi jagredixxi lill-istess ohtu, iktar u iktar meta wiehed iqis, kif inghad iktar `il fuq illi l-imputat seta` facilment jitlaq minn fuq il-post.

Illi anke kieku ghal grazzja ta' l-argument wiehed kellu jghid illi l-imputat gie ipprovokat minn ohtu, dana xortawhda ma jistax jitqies bhala skuzanti u dana ghaliex, il-fattispecje tal-kaz ma jissodissfawx ir-rekwiziti kollha kontemplati fl-artikolu 227 (C) tal-Kodici Kriminali. Fost dawn ir-rekwiziti hemm li l-provokazzjoni trid tkun tali "illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt". Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Dina l-Qorti jidhrilha illi l-fatt illi l-imputat ra mara riesqa lejh b'oggett f'idejha ma jwassalx bniedem b'temperament ordinarju sabiex iwiegeb b'mod aggressiv ghal dina l-provokazzjoni, tant illi huwa ma jirriflettix fuq il-konsegwenzi ta' ghemilu (ara sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali, il-Pulizija vs Emanuel Tabone, deciza fis-26 ta' Awissu 1998). Fuq kollox, il-Qorti ma tistax tahseb x'kien l-stat mentali ta' l-imputat fil-hin ta' l-agressjoni stante illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawna l-proceduri u lanqas ta l-versjoni tieghu lill-pulizija fl-istqarrija rilaxxjata minnu. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tistrieh fuq kongetturi u kwindi tista' biss tistrieh fuq il-versjoni moghtija mill-parti leza fix-xhieda taghhom.

Illi mix-xhieda tat-tobba li ezaminaw kemm lil Frances kif ukoll lil Carmelo Camilleri, u mic-certifikati medici u ritratti esbiti (fol 26 sa 43 tal-process) jirrizulta illi l-griehi rapportati minnhom kienu tali illi ma jistghux iwasslu lil dina l-Qorti ghal konvinciment morali illi dawn setghu gew inflitti fuqhom minn persuna li kienet qed tiddefendi lilha innifisa. Mix-xhieda tal-parti leza jirrizulta illi l-imputat kien sahansitra qieghed jaghti daqqiet bis-sieq fuq Frances Camilleri li kienet tinsab mixhuta fl-art u li f'dak il-mument zewgha u binha marru sabiex jaghtuha l-assistenza. Kien f'dan il-mument imbaghad illi l-imputat harab l` hemm u mar jaghmel rapport lill-pulizija haga li seta jaghmel immedjatament qabel ma inqala' l-incident, minflok agredixxa lil ohtu. Illi f'dana l-incident irrizulta illi kemm Frances Camilleri kif ukoll zewgha Carmelo sofrew griehi ta' natura hafifa u dana meta l-imputat agredixxa lil Frances Camilleri, tefaghha fl-art u taha bis-sieq, kif ukoll, meta l-imputat, hebb ukoll ghal Carmelo Camilleri meta

huwa mar sabiex jiddefendi lil martu billi tah xi daqqiet bil-ponn f'wiccu u caqqlaqlu darsa.

Finalment, jirrizulta iIlli fl-imsemmi incident  Frances Camilleri kif ukoll binha Noel Camilleri tilfu kull wiehed xi gizirana tad-deheb. Mill-provi jirrizulta illi fil-fatt l-imputat sab xi gizirana tad-deheb bil-lucky charms fuq il-post fejn sehh l-incident xi xhur wara, u irritorna dawn l-oggetti lil pulizija, izda ghalkemm Frances Camilleri gharfet dawn l-lucky charms bhala taghha u fil-fatt irtirathom matul il-kors ta' dawn il-proceduri, izda hija sostniet illi l-gizirana ma kenitx taghha.

Illi ghalkemm il-Qorti hija konvinta illi l-imputat ghandu jigi misjub hati li ikkaguna griehi fuq il-persuni ta' Frances u Carmelo Camilleri, izda ma tistax tasal ghall-istess konvinciment ghar-rigward ta' l-akkuza tal-hsara volontarja migjuba kontra l-imputat ghar-rigward ta' dawna l-oggetti tad-deheb. Dana qed jinghad peress illi mill-provi ma jirrizultax illi fil fatt kien l-imputat illi qaccat dawna l-oggetti minn fuq il-persuni ta' Frances u Noel Camilleri. Fit-taqtiegha li svolgiet ruhha sussegwentment meta marru Carmelo u Noel Camilleri sabiex jiddefendu lil Frances Camilleri ma jistax jinghad kif dawna l-oggetti gew nieqsa u jekk l-imputat kienx responsabbli ghall-istess. Fil-fatt lanqas il-vittmi stess ma setghu jghidu kif dawna l-oggetti spiccaw nieqsa u jekk kienx l-imputat li qaccat dawna l-oggetti minn madwar ghonqhom. Dana id-dubbju ghalhekk jimmilita favur l-imputat.

Ghar-rigward ta' l-ahhar akkuza u cioe' l-akkuza kontravenzjonali kif previst fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta jidher illi filwaqt illi l-incident sehh fil-31 ta' Lulju 2002, l-akkuza giet imressqa `il Qorti fl-14 ta' Ottubru 2002. Ma jirrizultax madanakollu mill-atti processwali meta l-imputat fil-fatt gie innotifikat bl-istess u ghalhekk ma jirrizultax illi din l-akkuza hija preskritta.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak suespost, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' din l-akkuza ukoll stante illi kien huwa li wassal ghal glieda mertu ta' din il-kawza liema glieda sehhet f'post pubbliku.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi wara li rat l-artikolu 221 (1), 325 (1) (b) u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Pawlu Sant hati tat-tieni u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u ghalhekk tikkundannah ghal multa ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) u ammenda ta' ghaxar liri Maltin (Lm10). Billi l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax ippruvata, il-Qorti qieghda ghalhekk tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti finalment qieghda torbot lill-hati b'garanzija personali taht penali ta' mitt lira Maltin (Lm100), biex bl-ebda mod ma jkellem jew javvicina lil Frances u Carmelo Camilleri u dana a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------